*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**AĠENDA NUMRU 6 – 2 ta' Ottubru 2019**

***Minuti tas-sitt laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar it-2 ta' Ottubru, 2019 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:00pm ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 6. Il-laqgħa bdiet fil-6:10pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija:** | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 568181*

| | | |
|---|---|---|
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Ufficċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

**6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-Kunsill li l-Kunsillier Clive Azzopardi ma setax ikun preżenti għal din il-laqgħa. Il-Kunsill aċċetta din ir-raġuni u għalhekk dan il-Kunsillier kien skużat għal waqt din il-laqgħa.

**5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni il-minuti tal-laqgħa preċedenti. Is-Sindku Malcolm P. Galea ppropona li l-minuti ta' Laqgha Nru 5 jigu approvati. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip E. Zammit. Il-minuti ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier David Battistino saqsa jekk il-pjan dwar siġar fi Vjal il-Ħelsien hux iffinnalizzat bħala pjan. Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi wieġeb li kien hemm qbil dwar il-kunċett. Steve Zammit Lupi xtaq izid li apparti s-siġar dan il-pjan se joħloq aktar parkeġġ kemm għall-vetturi kif ukoll għar-roti.

### 6.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

- Is-Sindku Malcolm P. Galea irċieva talba minghand il-Baden Powell Scouts sabiex jużaw Ġnien it-Tfulija sabiex jipprattikkaw xi daqq ta' instrumenti mużikali. Il-Kunsill saħaq li l-importanti hu li ma jiddejqux ir-residenti. Huwa essenzjali li jiġi stabbilit meta jkunu ser idoqqu u t-terminu taż-żmien għal kemm ser idumu jipprattikkaw fil-beraħ.
- Is-Sindku Malcolm P. Galea rċieva talba mingħand Baden Powell Scouts sabiex dawn ikunu jistgħu idoqqu l-Innu ta' Jum Ħaż-Żebbuġ waqt l-attivitajiet tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ma jsib l-ebda oġġezzjoni.
- Is-Sindku Malcolm P. Galea qal li meta issejħet il-laqgħa ta' informazzjoni dwar it-traffiku u Dar Bjorn, huwa kien infurmat li l-kunsill preċedenti ma kienx jaf bil-proġett. Minn riċerka li saret jidher li kien hemm time frame ta' 30 jum, sabiex il-kunsill fost entitajiet oħra jgħaddi l-kummenti tiegħu dwar il-proġett. Il-fatt li l-kunsill ma għadda l-ebda oġġezzjoni tinftiehem li l-Kunsill ma kellu l-ebda oġġezzjoni. Huwa qal li bħala Sindku ma jistax jippermetti li din il-biċċa xogħol terġa issir. U għalhekk huwa kien qed jipproponi li proġetti ta' ċertu kobor, ikunu nfurmati bihom ir-residenti. Is-Sindku qal li l-istess PA applications jistgħu jiġu 'flagged' mill-Kunsilliera.

Il-Kunsillier David Battistino ppreżenta mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jkollu persuna nkarigata (kuntrattur) li ssegwi l-applikazzjonijiet kollha li jsiru mal-Planning Authority fuq il-lokalita' tagħna, jagħmel analiżi tagħhom u tagħti l-veduta tagħha bħala rakkomandazzjoni lill-Kunsilli Lokali. Din il-proċedura għandha tibda minn Jannar li ġej. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier George Cortis.

Ittieħed vot. Kulħadd kien favur.

Il-Kunsillier George Cortis saħaq li l-proġett ta' Dar Bjorn qatt ma kien diskuss waqt il-laqgħat tal-Kunsill fl-amministrazzjoni preċedenti.

- Is-Sindku Malcolm P. Galea tkellem dwar feature li deher fuq NET TV dwar il-proġett li qed isir mill-Works Division dwar l-upgrade li qed issir ħdejn Santa Marija. Fil-kummentarju li kien qed jakkumpanja l-filmat intqal li l-proġett kien qed jitkompla wara 'insistenza mill-Kunsilliera Nazzjonalista'. Is-Sindku Malcolm P. Galea qal li kien ħażin jekk kien hemm xi ħadd mill-Kunsilliera li wassal il-messaġġ b'dan il-mod lill-Kamra tal-aħbarijiet. Huwa kompla jgħid li l-ġurnata ta' qabel huwa flimkien mal-Viċi-Sindku Mark Camilleri iltaqgħa mas-CEO ta' Infrastructure

Malta, is-Sur Frederick Azzopardi, u waħda mit-temi li saret diskussjoni u insistenza fuqhom hija proprju dwar dan il-proġett fejn issemma id-dewmien esaġerat kif ukoll in-nuqqas ta' dawl li hemm fl-area fejn qed isir il-proġett.

Il-Kunsillier David Battistino qal li din l-aħbar sar jaf biha mingħand il-Kunsillier Steve Zammit Lupi u bħala kunsilliera ma kienux infumati biha.

Il-Viċi-Sindku Mark Camilleri qal li l-intenzjoni tal-Kunsill hija li jsir il-ġid għar-raħal.

**6.4 Jum Ħaż-Żebbuġ 2019**

Wara diskussjoni ġie determinat li Jum Ħaż-Żebbuġ se jsir is-Sibt 26 t'Ottubru 2019 fis-6:30pm u li ser tittella f'Sala Dun Mikiel Xerri. Ser iddoqq il-Banda 12th May u l-programm ser ikun twil madwar 40 minuta. Il-Banda ser tkun akkumpanjata mill-kor.

Peter Paul Ciantar prepara preżentazzjoni li ser jagħmilha hu stess.

Il-Viċi-Sindku Mark Camilleri qal li għamel kuntatt ma' Pawlu Azzopardi sabiex jittella' re-enactment f'Jum Ħaż-Żebbuġ. Ser jippartecipaw 20 karattru kif ukoll ser ikun hemm xi żwiemel. L-ispiża ser tkun ta' Eur1600 plus VAT. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li ma jistgħux isiru spejjeż kbar għal din l-attivita' fid-dawl li hemm deficit finanzjarju fl-accounts

tal-2018. Wara diskussjoni ġie deċiż li jsir tentattiv sabiex il-prezz ta' Eur1600 plus Vat jitnaqqas għal elf.

Waqt l-istess dikussjoni gie determinat li Ġieħ Ħaż-Żebbug jingħata lill-ex-kunsillier Philip Said għax xogħol li wettaq u s-servizz li ta lill-Kunsill ta' Ħaż-Żebbuġ. Ġie deċiż li l-apprezzamenti għal dak li jkun twettaq fl-2019, jingħataw lil:

1. Claire Azzopardi għall-avvanz li qed tagħmel fil-karriera sportiva tagħha.
2. Nicole Frendo għall-partecipazzjoni u s-suċċess li kellha f'X Factor
3. Lill-familjari ta' Joe Attard (il-Ġermaniż) li tilef ħajtu waqt xogħol in konnessjoni mal-Kamra tan-Nar ta' San Ġużepp.

Intant ġie deċiż ukoll li jingħata rikonoxximent għas-servizz ġenwin li qed jagħti waqt xogħlu lil emigrant Hassan Abdulle Hussein li jaħdem bħala kennies f'Ħaż-Żebbuġ stess.

Il-kunsill qabel unanimament dwar id-deċiżjonijiet t'hawn fuq.

Sadanittant il-Kunsillier Steve Zammit Lupi informa lill-Kunsill li dakinhar huwa ma jistax jattendi minħabba li għandu mpenji ta' xogħol.

**6.5 Attivita Milied 2019**

Is-Sindku Malcolm P. Galea qal li l-attivitajiet li ser jittellgħu għal Milied 2019 ser ikunu kollha koperti mill-isponsors. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan huwa essenzjali minħabba l-żbilanċ finanzjarju tal-2018.

Is-Sindku qal ukoll li sawn l-attivitajiet ser jieħdu ħsiebhom il-Kunsilliera David Battistino u Philip Edrick Zammit. Huwa qal ukoll li flimkien mal-Viċi Sindku Mark Camilleri, huwa kellem lil Paul Azzopardi li ser itella' l-attivita mingħajr ma jitlob ħlasijiet. L-attivitajiet ser jittellgħu fil-21 u 22 ta' Diċembru.

Il-ħsieb hu li din l-attivita tkun amalgamata ma' snajja Maltin, filwaqt li l-pjazza u Triq Sciortino jiġu pedonali. Il-Każin Banda San Ġużepp ser jsellef arblu ta' sittin pied sabiex tintrama siġra tal-Milied, flok is-salib tal-Ġimgħa l-Kbira. Bħala parkeġġ jistgħu jintużaw il-parking tal-Gianpula u tas-St. Dorothy.

Il-Kunsillier Philip Edrick Zammit preżenta stima tad-dwal sabiex jiżżejnu Misraħ San Filep, Triq Sciortino, u Vjal il-Ħelsien.

**6.6 Laqgħa tal-Lokalita' 2019**

Wara diskussjoni ġie deċiż li din il-laqgħa ser issir l-iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbuġ. Data u ħin ma ġewx stabiliti pero kienu ser ikunu ikkomunikati aktar 'il quddiem.

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 568181*

**6.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fid-9:10pm u kienet aġġornata sine die.

**Dr. Malcolm P. Galea** | **Paula M. Valletta**

**Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv**

,